**23 ta' April, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D.**

Beatrice, armla ta' Luigi Grech Cumbo *et*

*versus*

Emma mart Antoine Mifsud Bonnici *et*

## Suċċessjoni - Eredità - Qraba Kollaterali - Suċċessjoni Permezz tad-Dritt ta' Rappreżentazzjoni.

*Kawża fejn l-atturi aġixxew għal dikjarazzjoni li huma l-uniċi eredi fi kwoti kif mitluba ta' de cujus. Taħt il-liġi nostrana, ir-rappreżentazzjoni fil-linja diretta dixxendenti, kif ukoll ir-rappreżentazzjoni tal-aħwa isseħħ ad infinitum, u dan hu wkoll il-każ fil-liġi Taljana. Ma hiex però permessa ir-rappreżentazzjoni bejn l-axxendenti u f'dan il-każ tapplika ir-regola li l-aktar viċin jeskludi lil min ikun l-aktar 'il bogħod. Fil-każ in eżami id-decujus ma ħalliex warajh dixxendenti, axxendenti, ħutu jew id-dixxendenti ta' ħutu, iżda biss kuġini fi gradi diversi. F'dan il-każ il-liġi trid li l-eredità tgħaddi fuq l-eqreb kollaterali - f'dan il-każ il-primi kuġini, l-atturi.*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni tas-17 ta' Novembru, 1989 li bih l-atturi nomine wara li ppremettew illi b'rikors tagħhom tat-18 ta' Mejju, 1989, ppresentat fis-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili l-atturi talbu li tiġi dikjarata miftuħa favur tagħhom is-suċċessjoni ta' Annetta Sciberras, li mietet fl-14 ta' Marzu, 1989, kwantu għal deċima parti (1 / 10) indiviża kull wieħed u waħda minnhom;

U wara li ppremettew illi l-konvenuti b'nota ppresentata fl-istess Qorti fis-26 ta' Ġunju, 1989, iddikjaraw li għandhom interess f'dan il-wirt, w illegalment opponew li s-suċessjoni ta' Annetta Sciberras tiġi dikjarata miftuħa favur l-atturi kif minnhom mitlub;

U wara li ppermettew illi b'digriet tal-istess Qorti tal-4 ta' Lulju, 1989, il-partijiet intbagħtu quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża skond il-liġi;

U wara li ppremettew illi huma l-atturi biss li għandhom id-dritt għall-wirt ta' Annetta Sciberras fil-kwoti fuq indikati kif jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża billi huma primi kuġini tagħha, mentri l-konvenuti huma ulied primi kuġini w kuġini aktar 'il bogħod li mietu lkoll qabel l-istess Annetta Sciberras;

Talbu għalhekk l-istess atturi nomine għaliex din il-Qorti m'għandiex:

(1) tiddikjara li l-atturi huma l-uniċi eredi u għalhekk huma biss għandhom id-dritt għas-suċċessjoni ta' Annetta Sciberras, u din fi kwoti ta' deċima parti (1 / 10) indiviża, kull wieħed u waħda minnhom;

Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċipew illi l-ġudizzju m'huwiex integru peress li tħalla barra wieħed mill-eredi, ċjoè Joseph Felice, bin il-mejtin Paul u Annetta neè Farrugia Gay; illi mingħajr preġudizzju tal-premess l-atturi għandhom qabel xejn jippresentaw id-dokumenti kollha relativi u senjatement l-atti tar-rikors preżentat quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili, in sostenn tat-talba tagħhom li jiġu dikjarati eredi tal-mejta Annetta Sciberras u li fil-mertu t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda peress li huma m'humiex l-uniċi eredi tad-decujus;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Jiġu stabbiliti qabel xejn dawn il-fatti essenzjali għad-determinazzjoni tal-vertenza bejn il-kontendenti:

(1) L-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni li huma l-uniċi eredi bi dritt għas-suċċessjoni ta' Annetta Sciberras u dana fi kwoti ta' deċima parte (1 / 10) indiviża kull wieħed u waħda minnhom. Dana bl-esklużżjoni tal-konvenuti;

(2) Annetta Sciberras mietet intestata fl-14 Marzu, 1989. Din il-kawża ġiet provokata mill-oppożizzjoni tal-konvenuti għar-rikors għall-apertura tas-suċċessjoni tagħha magħmul mill-atturi quddiem is-Sekond' Awla u li bih talbu l-Qorti tiddikjara li huma l-uniċi eredi tagħha;

(3) Annetta Sciberras kienet waqt ħajjietha xebba, u hekk

mietet. Ma kellhiex dixxendenti. Ma ħallietx warajha axxendenti għax mietu qabilha. Ma kellhiex anqas ħutha ħajjin fil-mument tal-mewt tagħha. Infatti kellha biss oħta waħda, soru, li kienet mietet qabilha. Dan ifisser li ma kellhiex anqas jiġu minnha tfal ta' ħutha w ċjoè neputijiet;

(4) Il-qraba ta' Annetta Sciberras li kienu ħajjin fil-mument tal-mewtha, huma għalhekk ilkoll kuġini mil-lat matern u dak patern, kif jidher mill-arblu ġenejoloġiku preżentat mill-konvenuti w aċċettat bħala korett mill-atturi;

(5) Skond dan id-dokument jidher ċar illi l-atturi huma lkoll primi kuġini tad-decujus, inkwantu huma t-tfal ta' ħut missierha Francesco Sciberras u ta' ommha Filomena Farrugia. Jidher ukoll illi l-konvenuti huma lkoll sekondi u terzi kuġini tad-decujus, in kwantu jiġu wlied u wlied tal-ulied ta' ulied oħra mit-tfal ta' ħut missierha w ommha li mietu qabilha;

Li jrid jiġi deċiż hu, jekk fiċ-ċirkostanzi, id-decujus Annetta Sciberras tiġix suċċeduta biss mill-atturi li huma l-eqreb qraba tagħha jew ukoll mill-konvenuti li jiġu minnha aktar mill-bogħod. Il-kontendenti huma lkoll qraba kollaterali tagħha u l-problema li hu wieħed strettament ta' indole legali, hu jekk il-kollaterali jistgħux jirtu *per via di rappresentazione;*

Ikkunsidrat:

Il-kontendenti jaqblu li japplikaw għall-każ l-artikoli 804 (gjà 842), tal-Kodiċi Ċivili *et seq.* Ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni tagħhom. Waqt li l-konvenuti jippretendu li d-dritt tar-rappresentazzjoni għandu jestendi *ad infinitum* fil-każ

tal-kolleterali kollha, *benchè* fi gradi differenti, u dan a terminu tal-artikolu 804 (i), l-atturi jippretendu illi għandhom id-dritt esklussiv għall-eredità bl-applikazzjoni tal-artikolu 815 tal-istess Kodiċi Ċivili u dana billi l-konvenuti in kwantu ma humiex l-eqreb qraba, huma esklużi. U għandhom raġun l-atturi. Dan għar-raġunijiet indikati fin-nota tas-sottomisjonijiet tagħhom u għall-oħrajn li l-Qorti ser taċċenna għalihom;

Ikkunsidrat:

Jingħad qabel xejn li l-konvenuti jakkampaw l-pretenzjoni tagħhom fuq l-artikolu 804 (i) u l-interpretazzjoni li ngħatat lil dan l-artikolu mill-awturi. Jikkwotaw lill-Baudry - Lacantinerie fl-opra tiegħu *Delle Successioni* (pagina 281 et seq.). Bir-rispett kollu jidher li sfuġġew lill-konvenuti l-elementi l-aktar rilevanti fil-konsiderazzjonijiet ta' dan l-awtur fuq l-aspett tal-kwistjoni mertu ta' din il-kawża. infatti jidher lil-Baudry jaqbel li meta kien qed jitkellem fuq id-dritt tar-rappresentazzjoni *in ordine collaterale* ***ad infinitum*** kien qed jirreferi **biss** għal każ ta' *tutti i discendenti di fratelli* e *sorelle* tad-decujus. Dana deċiżament fit-termini stabbiliti fl-artikolu 804 (i) tal-Kodiċi Ċivili tagħna, li, kif sottomess, mill-konvenuti hu identiku għal dak tal-*Code Napoleon*. Però meta jittratta l-każ ta' dixxendenti oħra - mhux mill-aħwa - il-Baudry infatti jgħid: *Ma i discendenti di fratelli e sorelle* ***sono i soli collaterali*** *a vantaggio dei quali esiste il beneficcio della rappresentazione;* ***essa non avrebbe luogo*** *dunque in favore dei discendenti dei cugini germani nè a più forte ragione in favore dei discendenti dei cugini più lontani.* Jagħti mbagħad eżempju li proprju jattalja preċiż mal-fatti speċje tal-kawża odjerna. Jgħid testwalment: *Così, se il defunto lascia come parenti più prossimi un cugino germano e un figlio di*

*un'altro cugino germano morto* (kif proprju huma b'mod jew ieħor il-konvenuti kollha), ***quest' ultimo non potrà per rappresentazione salire al grado di suo padre*** *e raccogliere la parte che questo avrebbe potuto reclamare se fosse sopravissuto.* ***La successione appartiene dunque totalmente al cugino germano sopravissuto.*** (paġna 280 *et seq. ibid*). Dan jingħad wara li l-istess awtur jirribadixxi l-prinċipju illi: *in linea collaterale la rappresentazione è ammessa in favore dei figli e discendenti* ***dei fratelli e sorelle del defunto.*** Jingħad ukoll fid-dawl ta' dak li ġie stabbilit li d-decujus, Annetta Sciberras, ma kelliex ħutha, la subien u lanqas bniet, ħlief waħda soru li mietet qabilha;

Ikkunsidrat:

In-nozzjoni tar-rappresentazjoni hi eċċezzjoni għar-regola li l-eqreb fil-grad għad-decujus jeskludi dak li jkun l-aktar 'l bogħod. Tippermetti persuna ta' grad aktar remot li jissuċċedi **flimkien ma persuni** li jkunu eqreb fil-grad fejn, mingħajr in-nozzjoni tar-rappresentazjoni, tal-ewwel ma jkunx fil-posizzjoni li jiret. Il-liġi dwar is-suċċessjoni *ab intestato* tipprospetta erba' *ordnijiet* u ċjoè:-

1. - id-dixxendenti;

2. - l-axxendenti;

3. - l-aħwa subien u bniet u dixxendenti tagħhom; u

4. - qraba oħra kollaterali.

Taħt il-liġi nostrana, ir-rappresentazjoni fil-*linea diretta dixxendenti*, kif ukoll ir-rappresentazjoni tal-aħwa isseħħ *ad infinitum*, u dan kif hu ukoll il-każ fil-liġi Taljana. ma hiex però permessa, ir-rappresentazjoni bejn l-axxendenti u f'dan il-każ tapplika r-regola li l-aktar viċin jeskludi lil min ikun l-aktar 'il bogħod;

Issa hu ovvju illi fil-każ in eżami ma huwiex regolat mill-artikolu 814 tal-Kodiċi Ċivili li jitkellem dwar is-suċċessjoni fejn id-decujus ma kellux tfal jew axxendenti, imma kellu lill-ħutu jew lit-tfal ta' ħutu li jirtu *per capita* jew *per stirpes* skond il-każ. Dan fejn id-dritt tar-rappresentazjoni japplika liberalment. Il-każ in eżami, huwa il-każ kontemplat fl-artikolu 815 fejn id-decujus li ma jkunx ħalla warajh dixxendenti, axxendenti, ħutu jew id-dixxendenti ta' ħutu, ikun ħalla biss zijiet u fin-nuqqas tagħhom bħal ma hu l-kaz in eżami – biss kuġini fi gradi diversi. F'dan il-każ il-liġi trid li l-eredità tgħaddi fuq l-eqreb kollaterali – f'dan il-kaz il-primi kuġini, l-atturi – esklussivament. Dan kif provdut fl-artikolu 815 li jgħid hekk:

"Fin-nuqqas ta' dixxendenti, ta' axxendenti, ta' aħwa, u ta' dixxendenti tal-aħwa, il-wirt imiss liz-zijiet u mbagħad lill-**eqreb qarib kollaterali,** tkun liema tkun il-linja li fiha jkun jinsabu dawn iz-zijiet jew qarib kollaterali".

Din hi ukoll il-posizzjoni kif interpretata fin-*Nuovissimo Digesto Italiano* (Vol. XVIII pg. 770 et. seq.) *(Suċċessioni Diritto Ċivili: Suċċessioni Leġittima)*. paragrafu 14:-

*I parenti collaterali oltre il secondo grado sono chiamati alla successione solo in mancanza di figli e loro discendenti, genitori*

*e altri ascendenti, fratelli e loro discendenti ..... **In questa categoria la chiamata aviene secondo il principio della prossimata del grado;***

Dan ġie wkoll ritenut mill-Qrati tagħna fil-kawża *Maria Giuseppa Caruana et. vs. Tomaso Mallia et.* (Vol. XXXIII - Pt. II - pg. 316) u fil-kawża *Ellul vs. Peralta* (Vol. XXVIII - Pt. I - pg. 969) kwotati mill-atturi fin-nota tagħhom - (ara wkoll Vol. XIII - pg. 33);

Din kienet minn dejjem l-interpretazzjoni mogħtija mill-ġurisprudenza nostrana. Infatti l-Cremona fl-opra tiegħu *La Gurisprudenza sul Codice Civili di Malta e sue Dipendenze* (Volume 3 pagina 570), jgħid: *Giusta la regola della successione intestata il più prossimo s'intende preferito al più remoto (C.G., 17 Novembre 1820 - Calleja vs. Schembri). Nella successione dei collaterali consanguinei neppure si attende la differenza dei beni, se cioè siano provenuti dal lato paterno o dal materno del defunto, **ma sempre i più prossimi succedono in tutti i beni da qualunque parte fossero provenuti;***

Kif ġie fuq spjegat, hu stabbilit li l-eqreb qarib kollaterali huma ċertament l-atturi. Kif ġie ukoll stabbilit li Annetta Sciberras ma ħallietx u ma kelliex dixxendenti, axxendenti, aħwa jew dixxendenti tal-aħwa u ta' zijiet. Dawn, jew ma kinux jeżistu jew fejn kienu jeżistu, mietu qabilha. Il-konvenuti huma ilkoll ulied primi kuġini oħra tad-decujus li però mietu qabilha, u huma għalhekk esklużi mill-wirt in kwantu id-dritt tar-rappresentazjoni provdut fl-artikolu 804 (i) ma jistax jiġi estiż għalihom;

Ikkunsidrat:

Fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar l-integrità tal-ġudizzju, din ġiet sorvolata bi qbil bejn il-kontendenti meta ġie kjamat fil-kawża bħala konvenut Joseph Feliċe, bin il-mejtin Paul u Annetta neè Farrugia Gay;

*Fir-rigward tal-eċċezzjoni li l-atturi kellhom jippresentaw* id-dokumenti kollha relativi għal proċeduri quddiem is-Sekond' Awla, din ukoll ġiet sorvolata bil-qbil bejn il-kontendenti li dawk l-atti jiġu allegati ma' dawn il-proċeduri;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuti fil-mertu, tilqa' it-talba attriċi u tiddikjara li l-atturi huma l-uniċi eredi ta', u għalhekk huma biss għandhom id-dritt għas-suċċessjoni ta' Annetta Sciberras li mietet fl-14 ta' Mejju, 1989, u dana fi kwoti ta' deċima parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom. Bl-ispejjeż kif mitlub kontra il-konvenuti.